bniedem ma jitlifx moħħu bl-ikreh, il-ħsieb fuq is-siwi tal-qaw-
wa atomika għandu jferrħu u jgagħlu bla dewmien ifittex dejjem
aktar iħaddem din is-sejba tal-għaġeb għall-ħtiġijiet tiegħu ta'
kuljum.

Is-seklu għoxrin jibqa' mniżżel fl-istorja għall-ħidma li l-
gvernijiet tad-dinja taw għat-tixrid tat-tagħlim fost kulħadd u
l-aktar fost dawk l-artijiet li baqgħu lura minħabba l-faqar tagħ-
hom jew in-nuqqas ta' ħeġġa min-naħa ta' min kien fid-dmir li
jgħallimhom. Is-sehem ta' fejda li qegħdin jieħdu l-ħakkiema
tal-ġnus għal dan l-iskop, jidher sewwa fis-somom kbar ta' flus li
jwarrbu ta' kull sena biex tinqered darba għal dejjem il-marda
ta' l-analfabetiżmu minn fost il-bnedmin. Xejn ma jagħti ħjiel
sewwa ta' kif dal-ħsieb qiegħed minn ta' quddiem fil-moħħ tal-
gvernijiet daqs il-Għaqda mwaqqfa mill-U.N.O. ta' l-isem ta'
U.N.E.S.C.O. li l-iskop tagħha ewlieni huwa li tgħallem u tnis-
sel fil-ġnus kollha tad-dinja x-xewqa li jimxu 'l quddiem fil-ħajja
soċjali tagħhom, bejniethom u ma' ħuthom il-ġnus l-oħra u fl-
istess ħin tgħinhom b'għoti ta' flus u billi tibgħatilhom nies im-
ħarrġin sewwa biex iqegħdulhom l-ewwel ġebla fis-sisien u t-tis-
wir ta' sistema ta' tagħlim li jxejjen minn fosthom il-għajb li
waħdu kien jaqtagħhom għalihom mill-bqija tad-dinja ċivilizzata.

Iżda jekk kbir kien il-progress fil-fergħat kollha tax-xjenza
li b'ħaġa jew oħra għinu 'l-bniedem fit-tiswir ta' ħajja aħjar fil-
għajxien tiegħu, ħadd ma jista' jiċħad li l-mediċina wkoll ma
baqgħetx lura mit-titjib u l-progress tagħha u li ħafna wkoll kie-
nu dawk li ħallew isimhom għall-ħidma tagħhom fuq din il-fer-
għa meħtieġa tax-xjenza. L-isem li ħallew dawk il-qalbiena bħal
Pasteur, il-Professur u Madame Curie, Fleming u ħafna oħrajn,
jibqa' mfakkar minn nisel għall-ieħor sa l-aħħar tad-dinja. Nies
qalbiena tassew li għaddew għomorhom fit-tiftix ta' mediċini
ġodda biex jegħlbu l-ħafna mard li dwaru ftit li xejn konna nafu,
iżda li b'riħtu l-mewt kienet taħsad bla ħniena bla ħadd seta' jfix-
kilha fil-qirda tagħha. Tfal u żgħażagħ, fl-aħjar ta' ħajjithom u
mimlijin saħħa, kienu ta' sikwit jaqgħu taħt id-daqqa kiefra tal-
minġel u kulħadd imħasseb u mbażża' fuq il-ħafna epidemji ta'
mard ikreh li ta' sikwit kienu jidhru u jkaxkru lejn il-qabar eluf
u eluf, kienu jitniehdu u jgħajtu ħniena. U l-għajta, tidwi ma'
l-erba' naħiet tad-dinja, instemgħet minn bosta li ħallew kollox



u ntefgħu b'ruħhom u ġisimhom għall-ħelsien tad-dinja mill-ħaf-
na mard ikreh li l-lum qajla għadu jidher.

Għad fadal ħafna xi jsir f'din il-ħidma, iżda l-ġnus il-lum
fehmu kemm hu ta' fejda kbira t-tiftix ta' rimedji ġodda fil-ġlie-
da kontra l-mard u b'dan il-ħsieb, kollha kemm huma qegħdin
jagħmlu ħilithom biex igħinu lil min jidħol għal dan ix-xogħol
hekk sabiħ.

Kbir tassew kien it-titjib f'kull xejra tal-ħajja tal-bniedem
f'dan l-aħħar seklu u dan huwa xhieda sħiħa tal-ħeffa fil-progress
li sar. Iżda rridu nistqarru illi mal-mixi 'l quddiem tal-ħajja u s-
siwi li qegħdin niksbu minnu, imiss ukoll lil kull wieħed minna
li jagħmel sehmu fil-qadi sewwa ta' dmirijietu. Kulħadd, mill-
kbir saż-żgħir, għani u fqir, nisa u rġiel, kulħadd jagħmel sehem
mill-familja l-kbira tal-bnedmin u kull maħluq għandu l-qadja
tiegħu x'jagħmel f'din id-dinja. Jekk dan isir sewwa kif irid il-
Ħallieq tagħna, fid-dinja jsaltnu s-sliem u l-hena u kollox jimxi
fl-isbaħ ftehim u ordni li bih jimxu l-ħlejjaq l-oħra kollha fil-ħaj-
ja tagħhom minn jum għall-ieħor, minn sena għall-oħra.

Il-ħajja ġwejda li fiha għaxu missirijietna mitt sena ilu, mie-
tet biex qatt aktar ma tirxoxta, iż-żminijiet tbiddlu u aħna ħti-
ġilna nimxu magħhom. Drawwiet intilfu fiċ-ċpar imdennes tas-
snin u oħrajn twieldu flokhom; iżda xorta waħda baqgħu d-dmi-
rijiet tagħna lejn Alla u għajrna. Jekk bħal ta' qabilna, ninqdew
kif jixraq b'dak li għandna misluf mis-Sid Ewlieni, inkunu bħal-
hom inhejju t-triq għal dawk li jiġu wrajna biex huma jkunu jis-
tgħu jfaħħru u jbierku l-ġid li ħallejnielhom aħna.

---

## NIRRINGRAZZJAW

lis-Sur Ivo Muscat Azzopardi talli għoġbu jibagħtilna bosta
numri ta' "Il-Malti" li kellu żejda għall-Arkivju tad-Dar tal-
Għaqda. Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, li dejjem wera l-akbar
interess fil-Għaqda, ma naqasx li jwieġeb minnufih għas-sejħa li
għamilna.

Nixtiequ li ħaddieħor jimxi fuq l-eżempju tiegħu. Aħna
nġeddu s-sejħa tagħna biex, min għandu kopji żejda ta' "Il-Mal-
ti" jibgħathomlna u l-iktar in-Numru 1 ta' l-1932 u n-Numri tas-
snin 1940, 1941, 1942 u 1943.